



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0081/2014

3.2.2014

RAPPORT

dwar is-seba' u t-tmien rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Rapport Strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013 (2013/2008(INI))

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Rapporteur: Vilja Savisaar-Toomast

PR_INI

WERREJ

| | Paġna |
|--|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 3 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 11 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI..... | 16 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI | 21 |

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar is-seba' u t-tmien rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Rapport Straġġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013 (2013/2008(INI))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra 'Is-seba' rapport ta' progress dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali', tal-Kummissjoni tal-24 ta' Novembru 2011 (COM(2011)0776), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah (SEC(2011)1372),
- wara li kkunsidra 'It-tmien rapport ta' progress dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali – L-aspetti reġjonali u urbani tal-kriżi', tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2013 (COM(2013)0463), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah (SWD(2013)0232),
- wara li kkunsidra 'Il-politika ta' koeżjoni: Rapport strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013', tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2013 (COM(2013)0210), u d-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah (SEC(2013)0129),
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Straġġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond ta' Koeżjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (COM(2011)0615),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-Politika ta' Koeżjoni: investiment fl-ekonomija reali,¹
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-politika ta' koeżjoni u l-politika reġjonali tal-UE wara l-2013,²
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Mejju 2010 dwar il-kontribut tal-politika ta' koeżjoni għall-ksib tal-oġġettivi ta' Lisbona u tal-UE2020,³
- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, u l-Investiment li għandu fil-mira t-kabbir ekonomiku u l-impjegi, u jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006

¹ ĠU C 87 E, 1.4.2010, p. 113.

² ĠU C 371 E, 20.12.2011, p. 39.

³ ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 120.

(COM(2011)0614),

- wara li kkunsidra r-raba' Rapport ta' Monitoraġġ KtR dwar l-istrateġija Ewropa 2020, il-Kumitat tar-Reġjuni, ta' Ottubru 2013,
 - wara li kkunsidra d-dokument konġunt mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana u d-Direttorat Ġenerali għax-Xogħol, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, bl-isem 'Politika ta' Koeżjoni tal-UE li tikkontribwixxi għall-impjiegi u t-tkabbir fl-Ewropa', ta' Lulju 2013,
 - wara li kkunsidra l-istudju ppubblikat mill-Parlament bl-isem 'Politika ta' koeżjoni wara l-2013: valutazzjoni kritika tal-proposti leġislattivi', ta' Ġunju 2012,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali kif ukoll tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0081/2014),
- A. billi l-evidenza empirika turi li l-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali waqqfet il-proċess ta' konverġenza jew saħansitra qalbitu, u b'hekk aggravat id-dispartità bejn ir-reġjuni u wasslet fi tmiemu perjodu twil ta' żmien li fih id-dispartità reġjonali fil-PDG per capita u l-qgħad fi ħdan l-UE, kienu qegħdin jonqsu b'mod kostanti, waqt li fl-istess ħin affettwat b'mod aktar aħrax lir-reġjuni l-aktar dgħajfa fl-Unjoni;
- B. billi r-riżorsi pubbliċi kemm fuq livell tal-Istati Membri u kemm fuq livell tal-UE saru aktar skarsi u soġġetti għal pressjoni dejjem tiżdied, filwaqt li l-kriżi u r-reċessjoni li segwiet, kif ukoll il-kriżi tad-dejn sovrani f'diversi Stati Membri, ġiegħlu lill-Istati Membri finalment jimplimentaw ir-riformi strutturali importanti meħtieġa biex jikkontribwixxu għar-restawrazzjoni ta' tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi, u li xi drabi wasslu għal tnaqqis fil-kofinanzjament tal-Fondi Strutturali u l-Fond ta' Koeżjoni;
- C. billi l-politiki ta' konsolidazzjoni fiskali żiedu r-rwol u l-importanza tal-politika ta' koeżjoni bħala sors ta' investiment pubbliku, partikolarment fuq livell subnazzjonali, peress li din il-politika ta' finanzjament tirrappreżenta aktar minn nofs l-investiment pubbliku kollu f'għadd sinifikanti ta' Stati Membri u reġjuni;
- D. billi l-kriżi taffettwa b'mod negattiv ir-reġjuni u l-bliet Ewropej kollha, u b'hekk iżżid l-importanza tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni anke f'reġjuni li għaddejjin minn tranżizzjoni u daww aktar żviluppati;
- E. billi l-kontribuzzjoni għall-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 għandha dimensjoni reġjonali b'saħħitha li għandha titqies fil-preparazzjoni u l-implimentazzjoni tal-programmi fl-ambitu ta' politiki tal-UE dwar il-koeżjoni u investiment ieħor tal-ġenerazzjoni li jmiss;
- F. billi l-enfasi tal-politika ta' koeżjoni s'issa kienet aktar dwar l-assorbiment milli dwar id-definizzjoni u l-monitoraġġ – u l-evalwazzjoni tal-ksib – tal-oġġettivi, filwaqt li l-

monitoraġġ u s-sistemi ta' evalwazzjoni jonqsu milli jiksbu l-għan tagħhom b'mod sħiħ li jtejbu d-definizzjoni tal-miri differenzjati skont il-karatteristiċi, l-ispeċifitàjiet u l-ħtiġijiet lokali, reġjonali u interreġjonali;

- G. billi l-politika ta' koeżjoni tibqa' tkun is-sors ewlieni tal-finanzjament pubbliku tal-UE fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020, u billi fil-qafas il-ġdid tal-politika ta' koeżjoni l-enfasi kollha qed titqiegħed fuq il-ħtieġa li l-investment ikun iffukat fuq il-livell reġjonali u lokali f'oqsma importanti bħall-ħolqien tal-impjiegi, l-SMEs, l-impjiegi (partikolarment l-impjiegi taż-żgħażaġħ), il-mobilità tax-xogħol, it-taħriġ u l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ICT, it-trasport sostenibbli u t-tneħħija tal-konġestjonijiet, l-enerġija sostenibbli, l-ambjent, il-promozzjoni tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-amministrazzjoni pubblika effiċjenti, l-iżvilupp urban u l-ibliet;
- H. billi l-ħtieġa li jinkisbu aktar riżultati b'anqas riżorsi wasslet għall-inklużjoni ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni¹) il-ġdid, sabiex ir-reġjuni jassumu approċċ strateġiku u anqas frammentat lejn l-iżvilupp ekonomiku permezz ta' appoġġ immirat għar-riċerka u l-innovazzjoni;
- I. billi s-sħubija u l-governanza fuq diversi livelli jikkostitwixxu prinċipji ġenerali orizzontali bil-għan li jwasslu l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, fil-kuntest ta' qafas leġislattiv ta' politika ta' koeżjoni ġdid;
- J. billi l-evalwazzjonijiet imwettqa matul il-programm tal-2007-2013 ma ħarsux lejn iċ-ċiklu sħiħ tal-evalwazzjoni inkluż l-effiċjenza, l-effikaċja u l-impatt;
- K. billi r-rata tal-assorbiment tal-fondi hija ta' madwar 50 % fl-Istati Membri u ta' madwar 30 % fl-aħħar sena tal-perjodu;
- L. billi l-SMEs qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jiksbu aċċess għall-finanzjament mis-settur bankarju;

Sfidi ta' implimentazzjoni ġenerali għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali

1. Jilqa' s-seba' u t-tmien rapporti ta' progress, kif ukoll ir-rapport strateġiku tal-2013, u jistieden lill-Kummissjoni, li issa qiegħda tniedi l-evalwazzjoni ex-post tal-2007-2013, u lill-Istati Membri kollha jiżguraw li l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jkunu ibbażati fuq data affidabbli, iħarsu lejn l-effiċjenza, l-effikaċja u l-impatt tal-operazzjonijiet, u jiżguraw li l-evalwazzjoni ex-post titlesta sa tmiem l-2015 kif stipulat f'dak li kien ir-Regolament Ġenerali, sabiex jittieħdu tagħlimiet ċari għall-implimentazzjoni tal-

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew koperti mill-Qafas Strateġiku Komuni u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għall-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid;

2. Jikkunsidra li l-politiki dwar sforz ta' konsolidazzjoni fiskali fihom infushom mhumiex biżżejjed biex jistimulaw it-tkabbir u jipromwovu l-investment li jiġġenera impjiegi ta' kwalità tajba u sostenibbli, li jirrikjedu wkoll miżuri li jappoġġjaw l-ekonomija u li jħeġġu li jsir progress – li għadu fraġli u timidu – lejn l-irkupru;
3. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu l-investment fl-oqsma tal-intraprenditorija, tan-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu u tal-impjiegi indipendenti bħala mezz kif jinħolqu aktar impjiegi, b'mod partikolari minħabba li l-SMEs u l-mikroimpriżi jipprovdu aktar minn żewġ terzi tal-impjiegi fis-settur privat tal-UE; huwa tal-fehma li għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq il-livelli reġjonali u lokali; barra minn hekk, iqis li l-investment fin-negozji soċjali u fl-intraprenditorija soċjali joffri għażla addizzjonali tajba bil-għan li jintlaħqu l-bżonnijiet soċjali li ma jiġux milqugħa minn beni u servizzi pubbliċi;
4. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji pubbliċi suffiċjenti, partikolarment fuq livell subnazzjonali, biex tiġi implimentata b'mod adegwat l-Istrateġija Ewropa 2020, minħabba l-impatt tal-kriżi ekonomika, u l-fatt li għadd sinifikanti ta' Stati Membri u reġjuni anqas żviluppati fil-parti l-kbira jiddependu mill-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni; jikkunsidra li qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni marbuta ma' sanzjonijiet makroekonomiċi potenzjali, għandha titqies sew id-dipendenza kbira ta' xi Stati Membri mill-fondi ta' koeżjoni;
5. Jemmen li, minkejja li r-riżorsi allokatu għall-politika ta' koeżjoni fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali huma relattivament żgħar meta mqabbla mal-ħtiġijiet fuq il-post, jiżguraw effiċjenza kif ukoll sinerġiji akbar bejn il-baġit tal-UE u l-baġits nazzjonali u madankollu jistgħu jkunu mezz importanti għall-politiki li jistimulaw it-tkabbir;
6. Hu tal-fehma li sabiex issir kontribuzzjoni lejn il-kisba tal-Istrateġija 2020 tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv bi qbil mal-oġettivi tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, minkejja l-ħtieġa għal enfasi fuq is-setturi b'potenzjal fuq terminu twil għall-ħolqien tal-impjiegi u l-innovazzjoni, hu importanti li jitqiesu l-ħtiġijiet sinifikanti ta' bosta mir-reġjonu inqas żviluppati rigward l-investment fi proġetti tal-infrastruttura f'setturi bażiċi bħat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija sostenibbli;
7. Jemmen li – minkejja l-evidenza li l-awtoritajiet lokali u reġjonali huma involuti fil-preparazzjonijiet tal-Ftehimiet ta' Sħubija – hemm bżonn li tittieħed aktar azzjoni biex jissaħħu d-dimensjoni territorjali tas-sistema ta' governanza tal-politika ta' koeżjoni, l-istrateġija Ewropa 2020 u s-Semestru Ewropew, billi jkunu żgurati d-djalogu u l-komplementarjetà reali fost il-livelli differenti ta' governanza, minn naħa waħda, u l-konsistenza tal-prijoritajiet stabbiliti f'dawk il-livelli mal-ħtiġijiet u l-ispeċifitàjiet identifikati fuq livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, fuq in-naħa l-oħra; jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza tal-iżgurar li l-muniċipalitajiet u r-reġjuni jkun involuti kif suppost fl-istabbiliment ta' strateġiji nazzjonali u li l-problemi u l-isfidi speċifiċi tagħhom jiġu definiti, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe żieda fil-piż amministrattiv;

8. Jikkunsidra li l-politika ta' koeżjoni tinsab fl-aħjar pożizzjoni biex tagħti lill-Istrateġija Ewropa 2020 id-dimensjoni territorjali neċessarja li hi meħtieġa biex tindirizza kemm id-differenzi rilevanti ħafna tat-tkabbir fi ħdan l-Unjoni, u fi ħdan l-Istati Membri, kif ukoll biex tiżgura li l-potenzjal ta' tkabbir jintuża wkoll fiż-żoni l-aktar imbiegħda u l-anqas popolati, u tindirizza l-fatt li d-differenzi fil-kapaċità istituzzjonali jfissru li r-reġjuni differenti ma jistgħux jużaw il-miri mogħtija bħala referenza bl-istess mod;

Fokus fuq l-impjiegi u l-inklużjoni soċjali

9. Jinsab partikolarment imħasseb dwar il-fatt li, minħabba l-kriżi, il-perċentwal tal-popolazzjoni li jinsab f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, li jbatu minn nuqqasijiet materjali serji, degradazzjoni ambjentali jew kundizzjonijiet ħżiena tad-djar, jew li jkollhom intensità ta' xogħol baxxa ħafna u li jinsabu f'riskju tal-esklużjoni u l-faqar tal-enerġija żdied b'mod konsiderevoli, bi prevalenza akbar fil-konverġenza tar-reġjuni u tal-ibliet, u b'mod partikolari fir-reġjuni madwar l-ibliet kapitali li, skont l-indikaturi, jiġu kklassifikati bħala żviluppanti, b'effett partikolari wkoll fuq in-nisa, familji b'ġenitur wieħed, familji kbar b'erbat itfal jew aktar, persuni li jindukraw (speċjalment dawk li jieħdu ħsieb membri tal-familja b'diżabbiltà), membri ta' komunitajiet emarġinati jew persuni akbar fl-età li qed joqorbu lejn il-pensjoni li għalihom l-aċċess għal opportunitajiet indaqs huwa diffiċli;
10. Jikkunsidra li dawn il-kwistjonijiet - li jdgħajfu serjament il-koeżjoni bejn ir-reġjuni u jistgħu jpoġġu f'riskju l-kompetittività tal-Unjoni fuq perjodu twil u medju - iridu jiġu indirizzati b'mod urġenti permezz ta' ffukar fuq politiki li jiżguraw l-aċċess għal impjiegi sostenibbli u ta' kwalità tajba u l-inklużjoni soċjali, u b'mod partikolari permezz taż-żgħażaġh, bil-promozzjoni tar-rwol kruċjali li għandhom l-SMEs f'dan ir-rigward, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni u l-faċilitazzjoni ta' tranżizzjoni bejn impjeg u ieħor, b'enfasi fuq programmi ta' taħriġ mill-ġdid professjonali għall-persuni qiegħda fuq terminu twil, billi tittieħed tagħlima mill-esperjenza miksuba mill-persuni li jinsabu fi tmiem il-karrieri tagħhom u tiġi promossa l-indipendenza ekonomika ugwali għannisa u l-irġiel; iqis essenzjali l-promozzjoni tal-aċċessibbiltà fiżika u l-aċċess għall-informazzjoni u l-midja ta' komunikazzjoni, li l-kisba tagħhom għandha tiġi vvalutata bl-użu ta' indikaturi oġġettivi u kumparabbli, u billi jitqiesu l-isfidi demografiċi;
11. Jinsisti fuq ir-rwol tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE) fit-tnaqqis tad-disparitajiet fil-kapital uman fost ir-reġjuni u fl-għajnuna biex jiżdiedu r-rati ta' impjiegi b'mod parallel u flimkien mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), fil-kontribuzzjoni għas-sodisfazzjon ta' xi prijoritajiet ewlenin attwali tal-Unjoni, partikolarment billi jagħti spinta lill-impjiegi taż-żgħażaġh u lis-suq tax-xogħol, jippromwovi ekonomija sostenibbli u t-tkabbir, inaqqs l-għadd ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, u jiġġieled il-faqar, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali; għaldaqstant jinsisti fuq il-ħtieġa li jissaħħaħ il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, b'mod partikolari l-effiċjenza u l-effikaċja tal-operazzjonijiet tal-FSE, u jistieden lill-Kummissjoni tanalizza b'mod sħiħ l-effett globali u l-impatt reali tal-FSE fuq il-qgħad u l-ħolqien ta' impjiegi;
12. Jirrikonoxxi li proporzjon kbir min-nefqa tal-FSE tiġi allokata bil-għan tal-promozzjoni ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar, tal-appoġġ tal-integrazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabbiltà, u tal-iżvilupp ta' soċjetà inklużiva li tkun

aċċessibbli għal kulħadd; jenfasizza, madankollu, li fi żminijiet ta' kriżi, għandu jitqiegħed aktar enfasi fuq il-fatt li l-FSE jkun mmirat b'mod effiċjenti biex jiġġieled l-inugwaljanzi lokali u reġjonali u l-esklużjoni soċjali, jipprovdi aċċess għall-impjiegi għall-gruppi l-aktar vulnerabbli u ż-żgħażaġh b'mod partikolari, u biex jgħin ir-riintegrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jnaqqas is-segregazzjoni abbażi tas-sessi;

13. Jindika li l-proporzjon kbir ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien f'xi reġjuni jaqbeż b'mod sinifikanti l-10 % u li jeħtieġ li persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jirċievu offerta ta' edukazzjoni, taħriġ jew xogħol li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom; jirreferi, f'dan il-kuntest, għall-importanza tal-iskema Garanzija għaż-Żgħażaġħ għal dawk il-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien; jenfasizza li sabiex jitnaqqas l-għadd ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, huwa importanti li s-sistema edukattiva tkun inklużiva u li toffri opportunitajiet ugwali għaż-żgħażaġh kollha; jenfasizza li għandha tinstab soluzzjoni għall-problema tal-integrazzjoni ta' dawn iż-żgħażaġh bi ftit kwalifiki fis-suq tax-xogħol, billi jiġi pprovdut taħriġ vokazzjonali u taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jkun mingħajr ostakli, aċċessibbli u ta' kwalità u li jgħinhom jiksbu ħiliet, filwaqt li jitqies il-fatt li n-nuqqas ta' kwalifiki jista' jżid ir-riskju tal-qgħad, li min-naħa tiegħu jżid ir-riskju tal-faqar u jinvolvi għadd kbir ta' sfidi soċjali marbuta mal-esklużjoni, l-aljenazzjoni u l-isforzi falluti fil-bini ta' ħajja indipendenti; jinnota li, għal dan il-għan, il-kontribuzzjoni tal-FSE hija kruċjali biex tgħin aktar żgħażaġh jibqgħu l-iskola u jiksbu l-kwalifiki xierqa meħtieġa biex isibu xogħol u għall-karriera tagħhom, u biex jiġi żgurati aċċess usa' għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja bi proġetti speċjali għat-tfal minn gruppi żvantaġġati u minoranzi, inklużi persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu taħriġ vokazzjonali u taħriġ fuq il-post tax-xogħol xieraq għal dawk li se jibbenefikaw minnu;
14. Jenfasizza li l-qagħda tal-impjiegi taż-żgħażaġh hija dipendenti ħafna fuq is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali u li għalhekk huwa importanti ħafna li ż-żgħażaġh ikunu appoġġati, iggwidati u ssorveljati fil-mixja tagħhom mill-edukazzjoni għall-ħajja professjonali; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni, għalhekk, tista' tallinja kwalunkwe proposti leġiżlattivi futuri f'dan il-qasam mal-inizjattivi "Żgħażaġħ Attivi" u "Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ";
15. Jenfasizza li l-okkupazzjoni f'xi reġjuni għadha anqas minn 60 % u li xi reġjuni lanqas biss jilħqu l-miri nazzjonali ta' madwar 20–25 %, li għandu effett żvantaġġjuż ħafna fuq iż-żgħażaġh, in-nisa, persuni akbar fl-età, persuni li jindukraw (carers) u persuni b'diżabilitajiet; jenfasizza li ċerti miżuri għall-kriżi kellhom effett ħażin fuq il-koeżjoni u fundamentalment żiedu l-inugwaljanzi fl-UE; jenfasizza li sabiex il-gruppi b'riskju għoli jinżammu f'impjieg jew jinħolqu alternattivi ta' impjieg għalihom, jeħtieġ li jkun hemm miżuri mmirati li jindirizzaw il-ħolqien tax-xogħol, l-opportunitajiet ta' taħriġ u ż-żamma tal-impjiegi; jenfasizza li l-qgħad kien jikkarakterizza ċerti komunitajiet iżolati matul ġenerazzjonijiet sħaħ u dan jippreżenta riskju partikolari għall-gruppi ta' popolazzjoni emarġinati;
16. Jinnota li r-rati ta' impjieg għadhom lura ħafna mill-mira tal-Ewropa 2020, li jkun hemm tal-anqas 75 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena li jkollhom impjieg sal-2020; jinnota li filwaqt li m'hemm l-ebda mira speċifika fir-rigward tar-rata ta' impjieg fil-livell reġjonali, l-Istati Membri tal-UE stabbilixxew miri nazzjonali b'mod individwali li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma nkisbux, minħabba l-impatt ewlieni asimetriku li kellha l-kriżi

finanzjarja u ekonomika fuq is-swieq tax-xogħol reġjonali, b'mod predominanti fin-Nofsinhar tal-Ewropa fejn kien hemm żieda eċċezzjonali fil-qgħad fost iż-żgħażaġh;

17. Jemmen li r-reġjuni kollha jħabbtu wiċċhom mal-isfida tal-ħolqien ta' tkabbir sostenibbli u t-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa għal politiki, li jinkludu l-prijoritizzazzjoni tal-infiq fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-iżvilupp, l-effiċjenza enerġetika u l-intraprenditorija lokali, kif ukoll il-ħolqien ta' strumenti finanzjarji ġodda għal kull tip ta' negozju, u speċjalment għall-SMEs;
18. Ifakkar fil-potenzjal li għandhom l-SMEs fil-ħolqien tal-impjiegi u jħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki li jtejbu l-aċċess għall-finanzjament u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-SMEs; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem flimkien mal-Istati Membri għaż-żieda tat-trasparenza tas-sistema tas-sejħiet għal offerti u l-prevedibbiltà tagħha kif ukoll għat-tnaqis taż-żmien bejn is-sejħiet għal offerti u l-għoti ta' kuntratti, b'mod partikolari għall-SMEs, li jikkompetu f'ambjent li qed jinbidel b'rata mgħaġġla;
19. Iħeġġeġ li tingħata attenzjoni partikolari għas-settur tal-industriji kulturali u kreattivi, li jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, u partikolarment għall-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza l-kontribuzzjoni vitali ta' dawn l-industriji għall-iżvilupp tar-reġjuni u tal-bliet; jitlob li jittieħdu miżuri fuq żmien twil li jippromwovu t-taħriġ kontinwu tan-nisa speċifikament marbut ma' dawn is-setturi, bil-għan li jiżguraw li l-kwalifiki tan-nisa jkunu jistgħu jiġu utlizzati b'mod effikaċi u jinħolqu prospettivi ġodda ta' impjeg;

Evidenza ta' evalwazzjoni

20. Ifakkar li filwaqt li hemm evidenza qawwija li l-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni aċċellerat, u li l-programmi li rriżultaw taw kontribut importanti f'ħafna oqsma fejn l-investment huwa neċessarju għall-modernizzazzjoni u l-kompetittività ekonomika (bħar-riċerka u l-iżvilupp, l-appoġġ lill-SMEs, l-industrijalizzazzjoni mill-ġdid, l-inklużjoni soċjali u l-edukazzjoni u t-taħriġ), għadd ta' Stati Membri qegħdin fir-riskju li ma jimplimentawx il-programmi tagħhom qabel it-tmiem tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tanalizza fil-fond il-kawżi tar-rata baxxa ta' assorbiment, u jħeġġeġ lill-Istati Membri jagħtu kofinanzjament sabiex tiġi aċċellerata l-implimentazzjoni tal-fondi;
21. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jesploraw sinerġiji bejn finanzjament tal-politika ta' koeżjoni u sorsi oħra ta' finanzjament mill-UE (bħat-TENT-T, it-TEN-E, is-CEF, Orizzont 2020, COSME u programmi oħra) kif ukoll mal-forniment ta' finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp; iħeġġeġ lill-Istati Membri jaċċelleraw l-implimentazzjoni u jissimplifikaw u jtejbu l-aċċess għall-fondi disponibbli sabiex jistimulaw lill-SMEs, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-muniċipalitajiet lokali u lill-benefiċarji interessati oħra sabiex jużawhom;

Sfidi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni

22. Jikkunsidra li l-evalwazzjoni għandha rwol importanti fid-dibattitu u t-tagħlim tal-

politika, iżda jinsab imħasseb li, minkejja li l-provvista ta' data ta' monitoraġġ u ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni qed ittejjeb il-kwalità tal-miri stabbiliti, il-kwalità mhux uniformi, f'ħafna każijiet ta' rappurtaż ta' progress tagħmilha diffiċli li tiġi żviluppata stampa sħiħa tal-progress lejn il-miri fil-livell reġjonali u f'dak lokali; jenfasizza li l-evalwazzjoni għandha wkoll tivvaluta u tipproponi miżuri biex jittaffew il-piżijiet żejda fuq il-benefiċjarji, inklużi l-SMEs, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-NGOs; jikkunsidra li kwlaunkwe piż addizzjonali marbut mal-monitoraġġ m'għandux jiġi impost;

23. Jemmen li r-rapporti ta' progress ma jipprovdux b'mod sħiħ stampa ċara tal-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni u lejn il-miri stabbiliti, jew għar-raġuni ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-data fil-livell rilevanti jew għar-raġuni ta' nuqqas ta' rabta ċara biżżejjed bejn id-data statistika provduta u safejn il-miri tal-politika ta' koeżjoni li jeħtieġu monitoraġġ jintlaħqu;
24. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, sabiex tissaħħaħ it-trasparenza tar-rappurtaż u l-kwalità tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, jagħmlu użu sħiħ tal-għodda ta' monitoraġġ u evalwazzjoni disponibbli fil-kuntest tal-qafas leġiżlattiv attwali (orjentazzjoni tar-risultati aktar b'saħħitha, użu ta' indikaturi komuni tar-risultati, għażla ta' indikaturi tar-risultati speċifiċi għall-programm u qafas tal-prestazzjoni ċar);
25. Jikkunsidra li, filwaqt li evalwazzjonijiet tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2007-2013 kofinanzjati mill-FEŻR u mill-Fond ta' Koeżjoni juru għarfien tajjeb fl-Istati Membri rigward ir-rekwiżit ta' ugwaljanza bejn is-sessi fit-twaqqif ta' tali programmi (70 %¹), ir-rapporti jindikaw ukoll li l-ugwaljanza bejn is-sessi bl-ebda mod mhija integrata effettivament f'dawn il-programmi permezz ta' identifikazzjoni ċara tal-problemi jew miri kwantifikati (anqas minn 8 %); jitlob li l-Kummissjoni tkompli ttejjeb is-sistemi ta' rappurtaż tal-Istati Membri billi tintroduċi u tuża indikaturi ħalli tagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni tas-sostenn mogħti taħt il-politika ta' koeżjoni għal progress ġenwin rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u sa liema grad dan il-progress qed isir;
26. Ihegġegħ lill-Kummissjoni tagħmel verifika tal-Awtoritajiet Maniġerjali jekk japplikaw id-Direttiva dwar il-Ħlasijiet Tard fir-rigward tal-benefiċjarji ta' proġetti u jekk jieħdu l-miżuri adegwati biex inaqqsu d-dewmien fil-ħlas;
27. Jistieden lis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri jżidu l-verifiki tal-prestazzjoni tagħhom dwar il-Fondi ta' Koeżjoni u l-Fondi Strutturali u b'mod partikolari dwar il-FSE;
28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-Risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

¹ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/2009-03-16-inception-report.pdf

NOTA SPJEGATTIVA

F'Ġunju 2010 l-Kunsill Ewropew approva l-Istrateġija Ewropa 2020, l-istrateġija tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv. L-awtoritajiet reġjonali u lokali jistgħu jagħtu kontribut importanti f'din l-istrateġija permezz ta' azzjonijiet li jkunu jagħmlu parti mir-responsabilitajiet tagħhom.

Il-Politika ta' Koeżjoni hija mekkaniżmu prinċipali li jagħti riżultati f'Ewropa 2020, bi tradizzjoni twila ta' tfassil u implimentazzjoni ta' programmi reġjonali u urbani integrati bi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, mal-partijiet ekonomiċi, mas-sħab soċjali u mas-soċjetà ċivili. Din tista' tipprovdi lill-Ewropa 2020 bl-appoġġ attiv tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, li għandha bżonn biex tirnexxi.

Is-seba' rapport ta' progress

F'Novembru 2011, il-Kummissjoni approvat is-seba' rapport ta' progress dwar punti kruċjali ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali li jenfasizza d-dimensjoni urbana u reġjonali tal-istrateġija Ewropa 2020.

Is-seba' rapport ta' progress ivvaluta kif, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, ir-reġjuni u l-ibliet jistgħu jikkontribwixxu għal tliet tipi ta' tkabbir maħsubin fl-istrateġija Ewropa 2020. Huwa jkejjel kemm l-ibliet u r-reġjuni fadlilhom biex jilhqqu l-miri nazzjonali għall-2020 li ġew proposti fil-programmi nazzjonali ta' riforma.

Il-programmi tal-politika ta' koeżjoni għandhom jagħżlu l-prijoritajiet tagħhom fl-investiment billi jqisu l-punt ta' tluq ta' reġjun jew ta' belt fir-rigward tal-miri nazzjonali għall-2020 u jidentifikaw il-konċentrazzjonijiet li għandhom jiġi promossi u dawk li jeħtieġ li jkun hemm ġlieda kontriehom.

It-tmien rapport ta' progress

F'Ġunju 2013, il-Kummissjoni adottat it-tmien rapport ta' progress dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.

Fl-2014, se jibda l-perjodu ta' programmazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni wara l-aġġar reċessjoni f'dawn l-aħħar ħamsin sena. Il-kriżi qalbet il-proċess ta' konverġenza tal-PDG per capita reġjonali u l-qgħad fi ħdan l-UE. L-isfida issa hi li jiġi żgurat dħul fil-pront għal passaġġ ta' tkabbir b'saħħtu, speċjalment fir-reġjuni u l-ibliet inqas żviluppati.

L-UE daħlet f'reċessjoni fit-tieni kwart tal-2008, li damet ħames kwarti. Mir-reċessjoni, it-tkabbir globali f'termini ta' PDG kien batut. Il-PDG tal-UE reġa' naqas fl-aħħar kwart tal-2011 u fl-ewwel żewġ kwarti u l-aħħar kwart tal-2012.

Il-kriżi għamlitha iktar diffiċli biex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 minħabba t-tnaqqis fl-impjegi u ż-żieda fil-faqar u fl-esklużjoni soċjali. Barra minn hekk, id-disparitajiet reġjonali

qegħdin jostakolaw wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-Unjoni Ewropea u l-Politika ta' Koeżjoni.

Ir-rapport juri li l-intensità tal-problemi tvarja b'mod sinifikanti madwar l-Ewropa. Dan jissuġġerixxi li t-tfassil ta' programmi ta' koeżjoni futuri għandu jirrifletti dawn id-differenzi biex jiġi massimizzat l-impatt u sabiex l-ikbar problemi jiddaħħlu fil-mira.

F'dan l-isfond, il-programmi ta' koeżjoni futuri jkollhom jagħmlu enfasi partikolari fuq it-tisħiħ tat-tkabbir u fuq investimenti li joħolqu l-impjiegi. Irkupru stabbli u b'saħħtu biss jista' jnaqqas il-qgħad.

Il-Kummissjoni pproponiet li r-riżorsi jiġu konċentrati fuq ftit oqsma importanti bħall-impjiegi (partikolarment għaż-żgħażaġħ), it-taħriġ u l-edukazzjoni, l-inklużjoni soċjali, l-innovazzjoni u l-SMEs, l-effiċjenza enerġetika u ekonomija b'livelli baxxi ta' karbonju u li din tiġi estiża għal infrastrutturi tal-ICT u miżuri ta' tkabbir diġitali.

Il-konsolidazzjoni fiskali se tkompli tnaqqas ir-rwol tal-Politika ta' Koeżjoni bħala sors importanti ta' investiment pubbliku fil-perjodu 2014-2020. Fil-fatt, f'bosta mill-Istati Membri u r-reġjuni inqas żviluppati, il-finanzjament ta' koeżjoni diġà jirrappreżenta iktar minn nofs l-investment pubbliku tagħhom.

Rapport strateġiku

F'April 2013, il-Kummissjoni adottat Rapport strateġiku 2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm tal-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013.

Ir-rapporti mill-Istati Membri jagħtu idea ġenerali tal-isfidi soċjoekonomiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom l-Istati Membri u l-implimentazzjoni tal-programmi ffinanzjati mill-UE f'perjodu ta' diffikultà storika. B'hekk, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tat-trasparenza dwar u r-responsabbiltà għall-provvista tal-oġġettivi tal-politika ta' koeżjoni.

Ċifri kumulattivi dwar indikaturi ewlenin irrappurtati għall-programmi tal-FEŻR u tal-Fond ta' Koeżjoni juru l-kontribuzzjonijiet importanti li dawn il-programmi jagħtu f'bosta oqsma fejn hu meħtieġ l-investment f'termini ta' modernizzazzjoni ekonomika u l-kompetittività. Kien hemm żieda sinifikanti ħafna fir-riżultati rrapportati fl-2011 meta mqabbel mas-snin preċedenti. Għall-FSE, numru kbir ħafna ta' persuni qegħdin jibbenefikaw mill-programmi li qegħdin jinvestu fl-aċċess għall-impjiegi, l-edukazzjoni, it-taħriġ, l-inklużjoni soċjali u l-bini tal-kapaċità amministrattiva.

L-Istati Membri u r-reġjuni għandhom jirdupjaw l-isforzi tagħhom u jimplementaw il-proġetti magħżula sa tmiem l-2015. Sforz ta' dan it-tip jagħti kontribut kbir ukoll lill-oġġettivi tal-Patt għal Tkabbir u Impjiegi varat mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 2012. Barra minn hekk, il-pressjoni fuq il-finanzi nazzjonali jistgħu jagħmluha diffiċli għal xi reġjuni sabiex isibu l-kofinanzjament għall-implimentazzjoni tal-programmi.

F'xi Stati Membri hemm dewmien sinifikanti fl-oqsma tal-innovazzjoni u r-riċerka u l-iżvilupp, il-ferroviji, is-servizzi tal-IT u l-broadbank, l-enerġija u l-bini tal-kapaċitajiet. Xi Stati Membri jistgħu jippruvaw jipprogrammaw mill-ġdid fl-2014-2015 fid-direzzjoni ta' oqsma fejn hu iktar faċli jintefqu l-flus (bħal toroq lokali),

Il-programmi tal-2007-2013 għandhom mekkaniżmi b'saħħithom għall-ittraċċar tal-fluss ta' flus u l-assorbiment, iżda għandhom mekkaniżmi iktar dgħajfa għall-istabbiliment, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' objettivi.

Għalhekk, ir-rapporti huma b'saħħithom f'termini ta' assorbiment iżda jsibuha diffiċli li jagħtu deskrizzjoni konvinċenti, appoġġata minn informazzjoni kwantifikata dwar il-progress fil-kisba ta' objettivi.

Rapport INI tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Ir-Rapporteur ippreżentat l-abbozz ta' rapport fit-13 ta' Novembru 2013 u l-eżami tal-abbozz fil-kumitat sar fis-27 ta' Novembru. B'kollox tressqu 42 emenda. Iddaħħlu 12-il emenda ta' kompromess, li kollha kienu appoġġati mill-maġġoranza l-kbira fil-kumitat. Il-votazzjoni finali li saret fit-22 ta' Jannar 2014 kienet appoġġata minn 39 vot favur, 1 kontra u astensjoni waħda.

Ir-rapporteur kienet l-istess fehma li l-kriżi ekonomika, finanzjarja u soċjali waqqfet il-proċess ta' konverġenza jew saħansitra qalbitu, b'hekk aggravat id-dispartija bejn ir-reġjuni u wasslet fi tmiemu perjodu twil ta' żmien li fih id-dispartija reġjonali fil-PDG per capita, u l-qgħad fi ħdan l-UE, kienu qegħdin jonqsu b'mod kostanti, waqt li fl-istess ħin affettwat b'mod aktar aħrax lir-reġjuni l-aktar dgħajfa fl-Unjoni.

Ir-rapporteur indikat li l-enfasi tal-politika ta' koeżjoni s'issa kienet aktar dwar l-assorbiment aktar milli dwar id-definizzjoni u l-monitoraġġ – u l-evalwazzjoni tal-ksib – tal-objettivi, filwaqt li l-monitoraġġ u s-sistemi ta' evalwazzjoni jfallu milli jiksbu l-għan tagħhom b'mod sħiħ li jtejbu d-definizzjoni tal-miri differenzjati skont il-karatteristiċi, l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet lokali, reġjonali u interreġjonali.

Il-Politika ta' Koeżjoni tibqa' tkun is-sors ewlieni tal-finanzjament pubbliku tal-UE fil-kuntest tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014–2020, u billi fil-qafas il-ġdid tal-politika ta' koeżjoni l-enfasi kollha qed titqiegħed fuq il-ħtieġa li l-investiment ikun iffukat fuq il-livell reġjonali u lokali f'oqsma importanti bħall-ħolqien tal-impjiegi, l-SMEs, l-impjiegi (partikolarment l-impjiegi taż-żgħażaġh), il-mobilità tax-xogħol, it-taħriġ u l-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-ICT, it-trasport sostenibbli u t-tneħħija tal-konġestjonijiet, l-enerġija sostenibbli, l-ambjent, il-promozzjoni tal-kapaċità istituzzjonali tal-awtoritajiet pubbliċi u l-amministrazzjoni pubblika effiċjenti, l-iżvilupp urban u l-ibliet.

Il-politiki ta' konsolidazzjoni baġitarja huma fihom infushom insuffiċjenti għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-promozzjoni tal-investimenti li jiġġeneraw impjiegi ta' kwalità tajba u sostenibbli. Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu l-investiment fl-oqsma tal-intraprenditorija, tan-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu u tal-impjiegi indipendenti bħala mezz kif jinħolqu aktar impjiegi, b'mod partikolari minħabba li l-SMEs u l-mikroimpriżi jipprovdu aktar minn żewġ terzi tal-impjiegi fis-settur privat tal-UE. Hu importanti li jitqiesu l-ħtiġijiet sinifikanti ta' ħafna reġjuni anqas żviluppati rigward investimenti fi proġetti ta' infrastruttura f'setturi bażiċi bħat-trasport, it-telekomunikazzjoni u l-enerġija sostenibbli.

Minħabba l-kriżi, il-perċentwal tal-popolazzjoni li jisab friskju ta' faqar u esklużjoni soċjali li jbatu minn nuqqasijiet materjali serji, degradazzjoni ambjentali jew kundizzjonijiet ħżiena

tad-djar, jew li jkollhom intensità ta' xogħol baxxa ħafna u li jinsabu f'riskju tal-esklużjoni u l-faqar tal-enerġija żdied b'mod konsiderevoli. Ir-rwol tal-Fond Soċjali Ewropew fit-tnaqqis tad-disparitajiet fil-kapital uman fost ir-reġjuni u fl-għajjnuna biex jiżdiedu r-rati ta' impjieg, peress li dan il-fond, b'mod parallel u flimkien mal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, fil-kontribuzzjoni għas-sodisfazzjon ta' xi prijoritajiet ewlenin attwali tal-Unjoni, partikolarment billi jagħti spinta lill-impjieg taż-żgħażaġh u lis-suq tax-xogħol, jipromwovi ekonomija sostenibbli u t-tkabbir, inaqas l-għadd ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, u jiġġieled il-faqar, id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni soċjali.

L-evalwazzjoni għandha rwol importanti fid-dibattitu u t-tagħlim tal-politika, iżda minkejja li l-provvista ta' data ta' monitoraġġ u ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni qed ittejjeb il-kwalità tal-miri stabbiliti, il-kwalità mhux uniformi, f'ħafna każijiet ta' rappurtar ta' progress tagħmilha diffiċli li tiġi żviluppata stampa sħiħa tal-progress lejn il-miri fil-livell reġjonali u f'dak lokali.

Jeħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jtejjbu t-trasparenza tar-rappurtar u l-kwalità tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tagħha, jagħmlu użu sħiħ mill-għodda ta' monitoraġġ u evalwazzjoni disponibbli fil-kuntest tal-qafas leġislattiv attwali (orjentazzjoni tar-riżultati aktar b'saħħitha, użu ta' indikaturi komuni tar-riżultati, għażla ta' indikaturi tar-riżultati speċifiċi għall-programm u qafas tal-prestazzjoni ċar.

27.11.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

Is-seba' u t-tmien rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Rapport Strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013 (2013/2008(INI))

Rapporteur għal opinjoni: **Ádám Kósa**

SUĠĠERIMENTI

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' s-seba' u t-tmien rapporti ta' progress u jitlob lill-Kummissjoni biex fl-2014, fis-sitt rapport dwar il-koperazzjoni ekonomika u soċjali, teżamina l-effetti fit-tul tal-koeżjoni bejn ir-reġjuni u l-pajjiżi Ewropej, li dejjem qed tonqos minħabba l-kriżi ekonomika, u liema miżuri għandhom jittieħdu biex inaqqsu d-diskrepanza, b'mod partikolari tal-koeżjoni bejn pajjiżi li qegħdin fil-programm u dawk li mhumiex;
2. Jenfasizza li l-PDG għandu jibqa' wieħed mill-kriterji prinċipali li jiddetermina l-eliġibbiltà għall-assistenza tal-politika reġjonali, iżda dan għandu jkun ikkumplimentat minn indikaturi oħra għall-identifikazzjoni tar-reġjuni l-aktar vulnerabbli; jenfasizza l-fatt li l-PDG waħdu m'għandux il-kapaċità li jipprovdí stampa komprensiva tal-iżvilupp reġjonali u l-koeżjoni soċjali minħabba li ma jikkunsidrax fatturi soċjali rilevanti bħal ma huma d-differenzi fid-dħul u l-qgħad;
3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tappoġġja miżuri speċifiċi għall-ħolqien ta' aktar impjiegi sostenibbli, għall-investiment fl-edukazzjoni għall-iżvilupp reġjonali u lokali, għall-inkoraġġiment tal-intraprenditorija lokali u l-ħolqien ta' strumenti finanzjarji ġodda għal kull tip ta' negozji u l-aktar għal impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) sabiex tikkumbatti l-livelli dejjem akbar ta' qgħad, faqar u esklużjoni soċjali;
4. Jirrikonoxxi li proporzjon kbir min-nefqa tal-Fond Soċjali Ewropew(FSE) tiġi allokata bil-għan tal-promozzjoni ta' aktar impjiegi u impjiegi aħjar, tal-appoġġ tal-integrazzjoni u

l-parteciċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, inklużi persuni b'diżabilità, u tal-iżvilupp ta' soċjetà inklużiva li tkun aċċessibbli għal kulħadd; jenfasisza, madankollu, li fi żminijiet ta' kriżi, għandu jitqiegħed aktar enfasi fuq il-fatt li l-FSE jkun mmirat b'mod effiċjenti biex jiġġielel l-inugwaljanzi lokali u reġjonali u l-esklużjoni soċjali, jipprovdi aċċess għall-impjiegi għall-gruppi l-aktar vulnerabbli u ż-żgħażaġh b'mod partikolari, u biex jgħin ir-riintegrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol billi jnaqqas is-segregazzjoni abbażi tas-sessi;

5. Jindika li l-proporzjon kbir ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien f'xi reġjuni jaqbeż b'mod sinifikanti l-10 % u li jeħtieġ li persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien jirċievu offerta ta' edukazzjoni, taħriġ jew xogħol li tissodisfa l-ħtiġijiet tagħhom; jirreferi, f'dan il-kuntest, għall-importanza tal-iskema Garanzija għaż-Żgħażaġħ għal dawk il-persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien; jenfasisza li sabiex jitnaqqas l-għadd ta' persuni li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, huwa importanti li s-sistema edukattiva tkun inklużiva u li toffri opportunitajiet ugwali għaż-żgħażaġh kollha; jenfasisza li għandha tinstab soluzzjoni għall-problema tal-integrazzjoni ta' dawn iż-żgħażaġh bi ftit kwalifiki fis-suq tax-xogħol, billi jiġi pprovdut taħriġ vokazzjonali u taħriġ fuq il-post tax-xogħol li jkun mingħajr ostakli, aċċessibbli u ta' kwalità u li jgħinhom jiksbu ħiliet, filwaqt li jitqies il-fatt li n-nuqqas ta' kwalifiki jista' jżid ir-riskju tal-qgħad, li min-naħa tiegħu jżid ir-riskju tal-faqar u jinvolvi għadd kbir ta' sfidi soċjali marbuta mal-esklużjoni, l-aljenazzjoni u l-isforzi falluti fil-bini ta' ħajja indipendenti; jinnota li, għal dan il-għan, il-kontribuzzjoni tal-FSE hija kruċjali biex tgħin aktar żgħażaġh jibqgħu l-iskola u jiksbu l-kwalifiki xierqa meħtieġa biex isibu xogħol u għall-karriera tagħhom, u biex jiġi żgurati aċċess usa' għall-edukazzjoni ta' kwalità għolja bi proġetti speċjali għat-tfal minn gruppi żvantaġġati u minoranzi, inklużi persuni b'diżabilità; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu taħriġ vokazzjonali u taħriġ fuq il-post tax-xogħol xieraq għal dawk li se jibbenefikaw minnu;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jadottaw politiki li jiffavorixxu t-tkabbir, inkluża l-prijoritizzazzjoni tal-infiq fl-oqsma tal-edukazzjoni, it-tagħlim tul il-ħajja, ir-riċerka u l-innovazzjoni, peress li l-miżuri ta' awsterità waħedhom mhumiex biżżejjed biex jiġġieldu l-kriżi ekonomika attwali;
7. Jenfasisza li l-qagħda tal-impjiegi taż-żgħażaġh hija dipendenti ħafna fuq is-sitwazzjoni ekonomika ġenerali u li għalhekk huwa importanti ħafna li ż-żgħażaġh ikunu appoġġati, iggwidati u ssorveljati fil-mixja tagħhom mill-edukazzjoni għall-ħajja professjonali; huwa tal-fehma li l-Kummissjoni, għalhekk, tista' tallinja kwalunkwe propositi leġiżlattivi futuri f'dan il-qasam mal-inizjattivi "Żgħażaġħ Attivi" u "Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ";
8. Jenfasisza li l-okkupazzjoni f'xi reġjuni għadha anqas minn 60 % u li xi reġjuni lanqas biss jilhqqu l-miri nazzjonali ta' madwar 20–25 %, li għandu effett żvantaġġjuż ħafna fuq iż-żgħażaġh, in-nisa, persuni akbar fl-età, persuni li jindukraw (carers) u persuni b'diżabilitajiet; jenfasisza li ċerti miżuri għall-kriżi kellhom effett ħażin fuq il-koeżjoni u fundamentament żiedu l-inugwaljanzi fl-UE; jenfasisza li sabiex il-gruppi b'riskju għoli jinżammu f'impjieg jew jinħolqu alternattivi ta' impjieg għalihom, jeħtieġ li jkun hemm miżuri mmirati li jindirizzaw il-ħolqien tax-xogħol, l-opportunitajiet ta' taħriġ u ż-żamma tal-impjiegi; jenfasisza li l-qgħad kien jikkarakterizza ċerti komunitajiet iżolati matul ġenerazzjonijiet sħaħ u dan jippreżenta riskju partikolari għall-gruppi ta' popolazzjoni emarġinati;

9. Jinnota li r-rati ta' impjieg għadhom lura ħafna mill-mira tal-Ewropa 2020, li jkun hemm tal-anqas 75 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena li jkollhom impjieg sal-2020; jinnota li filwaqt li m'hemm l-ebda mira speċifika fir-rigward tar-rata ta' impjieg fil-livell reġjonali, l-Istati Membri tal-UE stabbilixxew miri nazzjonali b'mod individwali li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet ma nkisbux, minħabba l-impatt ewlieni asimmetriku li kellha l-kriżi finanzjarja u ekonomika fuq is-swieq tax-xogħol reġjonali, b'mod predominanti fin-Nofsinar tal-Ewropa fejn kien hemm żieda eċċezzjonali fil-qgħad fost iż-żgħażagħ;
10. Jenfasizza l-inugwaljanzi li ġew irreġistrati bejn l-oġġla rati ta' impjieg reġjonali fit-Tramuntana u fiċ-Ċentru tal-UE, u l-anqas rati ta' impjieg reġjonali fir-reġjuni tan-Nofsinar;
11. Jenfasizza, fir-rigward tal-hekk magħruf 'paradoss tal-ibliet', li n-numru ta' familji esposti għar-riskju tal-faqar li qiegħdin ibatu konsegwenza ta' nuqqasijiet materjali serji, degradazzjoni ambjentali u kundizzjonijiet ħżiena tad-djar, u b'intensità ta' okkupazzjoni baxxa ħafna u li jinsabu f'riskju tal-esklużjoni u f'bosta każijiet, il-faqar tal-enerġija huwa oġġla fir-reġjuni madwar l-ibliet kapitali li, skont l-indikaturi, jiġu kklassifikati bħala żviluppanti; dan jirrigwarda primarjament familji b'ġenitur wieħed, familji kbar b'erbat itfal jew aktar, persuni li jindukraw (speċjalment dawk li jieħdu ħsieb persuni b'diżabbiltà), membri ta' komunitajiet emarġinati jew persuni akbar fl-età li qed joqorbu lejn il-pensjoni li għalihom l-aċċess għal opportunitajiet indaqs huwa diffiċli, iqis li huwa importanti li titqies il-kwistjoni tal-aċċess fiżiku u l-aċċess għall-mezzi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, fejn l-implimentazzjoni tagħhom għandha titkejjel permezz ta' indikaturi komparabbli u objettivi, filwaqt li jitqiesu l-isfidi demografiċi;
12. Jenfasizza li l-iskambju tal-għarfien u tal-iżvilupp u l-prattiki ta' kooperazzjoni għat-tkabbir bejn l-awtoritajiet reġjonali u lokali tal-Istati Membri favur l-iżvilupp u t-tkabbir, jistgħu jgħinu biex inaqqsu d-distakk f'termini ta' kompetenza u titqajjem kuxjenza fir-rigward tal-mobilità fis-settur tal-impjiegi; huwa tal-fehma, barra minn hekk, li d-deċentralizzazzjoni u l-iżvilupp territorjali għandhom jiġu appoġġjati aktar billi huma mezzi effettivi biex tingħeleb il-kriżi attwali tal-qgħad;
13. Huwa tal-fehma li jkun importanti li tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-promozzjoni tal-iżvilupp tad-demokrazija fil-livell lokali u reġjonali, u li dan jirrikjedi impenn politiku aktar b'saħħtu mill-UE fir-rigward tal-appoġġ ta' ambjent favorevoli li jista' jżid il-kapaċità tal-awtoritajiet lokali u reġjonali li jinfluwenzaw u jissorveljaw il-ħolqien tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali tal-popolazzjonijiet tagħhom; jinnota, għal dan il-għan, li d-diversità tas-soċjetà ċivili jista' jkollha rwol ewlieni permezz tal-involvement tas-sħab soċjali fil-proċess tal-kisba tal-mira tal-UE għal tkabbir inklużiv.
14. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu l-investment fl-oqsma tal-intraprenditorija, tan-negozji li jkunu għadhom kemm fetħu u tal-impjiegi indipendenti bħala mezz kif jinħolqu aktar impjiegi, b'mod partikolari minħabba li l-SMEs u l-mikroimpriżi jipprovdu aktar minn żewġ terzi tal-impjiegi fis-settur privat tal-UE; huwa tal-fehma li għandu jkun hemm enfasi speċjali fuq il-livelli reġjonali u lokali; barra minn hekk, iqis li l-investment fin-negozji soċjali u fl-intraprenditorija soċjali joffri għażla addizzjonali tajba bil-għan li jintlaħqu l-bżonnijiet soċjali li ma jiġux milqugħa minn beni u servizzi pubbliċi;

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 26.11.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 30 -: 1 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Phil Bennion, Pervenche Berès, Vilija Blinkevičiūtė, Alejandro Cercas, Derek Roland Clark, Minodora Cliveti, Emer Costello, Frédéric Daerden, Sari Essayah, Richard Falbr, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Ádám Kósa, Jean Lambert, Patrick Le Hyaric, Verónica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Csaba Őry, Konstantinos Poupakis, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Georges Bach, Jürgen Creutzmann, Jelko Kacin, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner, Birgit Sippel, Csaba Sógor |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Jolanta Emilia Hibner, Sławomir Nitras |

17.12.2013

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAD-DRITTIIJET TAN-NISA U L-UGWALJANZA BEJN IS-SESSI

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar is-seba' u t-tmien rapporti ta' progress tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Rapport Strateġiku tal-2013 dwar l-implimentazzjoni tal-programm għal bejn l-2007 u l-2013 (2013/2008(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Vilija Blinkevičiūtė

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel u l-prinċipju tal-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi huma espressament stipulati fir-regolamenti dwar il-Fondi Strutturali bħala dimensjonijiet trasversali tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki;
- B. billi n-nisa, filwaqt li jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-popolazzjoni bi kwalifiki tal-edukazzjoni għolja, jirreġistraw rata ta' inattività li hija aktar mid-doppju minn dik tal-irġiel (21.0 % tan-nisa fl-UE-28 fl-2012, meta mqabbla ma' 8.4 % tal-irġiel¹), u billi n-nisa jirrappurtaw b'aktar frekwenza raġunijiet personali jew familjari għal din l-inattività (f'21 % tal-każijiet, filwaqt li biss 0.5 % tal-irġiel isemmu l-familja bħala raġuni);
- C. billi n-nisa huma aktar fis-sogru li jaqgħu fil-faqar milli huma l-irġiel, u billi hemm aktar nisa minn irġiel li huma impjegati b'kundizzjonijiet prekarji, speċjalment fiż-żoni rurali; billi n-nisa qed iġarrbu dejjem aktar nuqqas ta' sigurtà fiż-żoni urbani, partikolarment minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja;
- D. billi, filwaqt li evalwazzjonijiet tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2007-2013 kofinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u mill-Fond

¹ http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Unemployment_statistics

ta' Koeżjoni juru għarfien tajjeb fl-Istati Membri rigward ir-rekwiżit ta' ugwaljanza bejn is-sessi fit-twaqqif ta' tali programmi (70 %¹), ir-rapporti jindikaw ukoll li l-ugwaljanza bejn is-sessi bl-ebda mod mhija integrata effettivament f'dawn il-programmi permezz ta' identifikazzjoni ċara tal-problemi jew miri kwantifikati (anqas minn 8 %); billi s-sostenn finanzjarju għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel qiegħed jonqos²;

1. Jistieden lill-Istati Membri, fil-kuntest tal-politika ta' koeżjoni, biex jiżviluppaw programmi u azzjonijiet maħsuba ħalli jippromwovu indipendenza ekonomika ndaq għan-nisa u l-irġiel, billi jiżguraw li n-nisa jipparteċipaw daqs l-irġiel fis-suq tax-xogħol u fit-taħriġ vokazzjonali, filwaqt li jikkumbattu, mill-aktar fis, id-diverġenza persistenti bejn in-nisa u l-irġiel rigward il-pagi u l-pensjonijiet; jistieden għalhekk lill-Istati Membri, lill-awtoritajiet reġjonali u lil dawk lokali biex jieħdu miżuri speċifiċi ħalli l-potenzjal tan-nisa jissarraff fir-realtà, bħala pass essenzjali lejn l-irkupru ekonomiku;
2. Jistieden lill-Istati Membri biex jintroduċu l-ibbaġitjar fuq il-bażi tal-ġeneru fil-programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni, bil-għan li janalizzaw mhux biss il-programmi li huma mmirati speċifikament lejn in-nisa, iżda wkoll il-programmi u l-politiki kollha tal-gvern, l-effetti tagħhom fuq l-allokkazzjoni tar-riżorsi u l-kontribut tagħhom lejn l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;
3. Jistieden lill-Istati Membri biex joqogħdu attenti għall-effetti differiti li jista' jkollha fuq in-nisa l-konsolidazzjoni fiskali, u għal kif l-implimentazzjoni effikaċi tal-politika ta' koeżjoni tista' tintuża biex timminimizza dawn l-effetti;
4. Jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jiżviluppaw miżuri u programmi innovattivi bil-għan li jikkumbattu l-femminizzazzjoni tal-faqar u jippromwovu l-inklużjoni soċjali, u li jkunu mmirati b'mod partikolari lejn l-aktar gruppi vulnerabbli ta' nisa, bħalma huma n-nisa b'diżabilitajiet, l-ommijiet li jkunu qed irabbu t-tfal weħdihom, in-nisa b'familji kbar, in-nisa migranti, in-nisa li jkunu sfaw vittmi tal-vjolenza, in-nisa bi fteit li xejn taħriġ u n-nisa soġġetti għal diskriminazzjoni multipla u intersezzjonali; jirrakkomanda li tinġabar data speċifika relatata man-nisa qabel ma jiġu varati programmi u azzjonijiet, sabiex dawn tal-aħħar ikunu jistgħu jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa b'mod effikaċi;
5. Jitlob li l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, tkompli ttejjeb is-sistemi ta' rappurtar tal-Istati Membri billi tintroduċi u tuża indikaturi ħalli tagħmilha possibbli li ssir valutazzjoni tas-sostenn mogħti taħt il-politika ta' koeżjoni għal progress ġenwin rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi, u sa liema grad dan il-progress qed isir; jenfasizza li d-data dwar kif il-programmi tal-politika ta' koeżjoni qed jilhqgħu l-oġettivi tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tkun diżaggregata skont is-sess;
6. Jitlob li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jivvalutaw l-impatt tal-politika ta' koeżjoni inġenerali u dak tal-Fondi Strutturali b'mod partikolari fuq il-kundizzjoni tan-nisa, sabiex jiżguraw reazzjonijiet adegwati u implimentazzjoni effikaċi tal-programmi għall-perjodu

¹ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/evaluation/pdf/2009-03-16-inception-report.pdf

² http://ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/opinions_advisory_committee/opinion_on_gender_equality_in_the_cohesion_policy_2014-2020_en.pdf

2014-2020;

7. Jistieden lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aktar attiv mill-fondi eżistenti u disponibbli tal-UE ħalli jippromwovu t-trattament ugwali tan-nisa u l-iżvilupp ta' faċilitajiet ta' kura u ta' strutturi soċjali oħra li jiffavorixxu l-familji u li jkunu ta' kwalità għolja, għal but kulħadd u aċċessibbli; jenfasizza l-importanza tal-konċiljazzjoni bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja familjari fil-kuntest ta' opportunitajiet indaqs u ta' miżuri li jikkumbattu l-qgħad u l-esklużjoni soċjali;
8. Iħeġġeġ li tingħata attenzjoni partikolari għas-settur tal-industriji kulturali u kreattivi, li jikkontribwixxu għall-ilħiq tal-oġġettivi tal-Istrateġija “Ewropa 2020”, u partikolarment għall-ħolqien tal-impjiegi; jenfasizza l-kontribuzzjoni vitali ta' dawn l-industriji għall-iżvilupp tar-reġjuni u tal-bliet; jitlob li jittieħdu miżuri fuq żmien twil li jippromwovu t-taħriġ kontinwu tan-nisa speċifikament marbut ma' dawn is-setturi, bil-għan li jiżguraw li l-kwalifiki tan-nisa jkunu jistgħu jiġu utlizzati b'mod effikaċi u jinħolqu prospettivi ġodda ta' impjeg;
9. Jistieden lill-Istati Membri biex isibu modi kif inaqqsu l-qgħad fost in-nisa ħalli jevitaw li dawn ikunu soġġetti b'mod eċċessiv għal mobilità għall-finijiet ta' karriera, billi dan għandu effett dirett u ta' ħsara fuq it-tfal;
10. Jitlob li l-Kummissjoni tippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri rigward l-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tal-ġeneru fil-programmi tal-politika ta' koeżjoni.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 16.12.2013 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 16 -: 0 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Edit Bauer, Iratxe García Pérez, Mikael Gustafsson, Livia Járóka, Constance Le Grip, Astrid Lulling, Elisabeth Morin-Chartier, Norica Nicolai, Britta Thomsen, Anna Záborská |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Izaskun Bilbao Barandica, Doris Pack, Rui Tavares, Angelika Werthmann |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Biljana Borzan, Hans-Peter Mayer |

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 22.1.2014 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 39 -: 1 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | François Alfonsi, Luís Paulo Alves, Charalampos Angourakis, Francesca Barracciu, Catherine Bearder, Victor Boştinaru, Nikos Chrysogelos, Tamás Deutsch, Rosa Estaràs Ferragut, Danuta Maria Hübner, Filiz Hakaeva Hyusmenova, Iñaki Irazabalbeitia Fernández, María Irigoyen Pérez, Seán Kelly, Constanze Angela Krehl, Vladimír Maňka, Iosif Matula, Erminia Mazzoni, Miroslav Mikolášik, Jens Nilsson, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Markus Pieper, Ovidiu Ioan Silaghi, Monika Smolková, Georgios Stavrakakis, Nuno Teixeira, Lambert van Nistelrooij, Justina Vitkauskaitė Bernard, Oldřich Vlasák, Kerstin Westphal, Hermann Winkler, Joachim Zeller, Elżbieta Katarzyna Łukacijewska |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Maurice Ponga, Vilja Savisaar-Toomast, Elisabeth Schroedter, Richard Seeber, Peter Simon, Evžen Tošenovský, Derek Vaughan |